**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru 368/2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Stacy Attard)**

**vs.**

**Emad Khalifa Beleed Zweitt**

Illum l-4 ta' Novembru 2021

Il Qorti:

Rat illi tressaq Emad Khalida Beleed Zweitt ta' 49 sena, iben Khalifa u Fatima, imwieled il-Ghiryin, Libja, nhar is-16 ta' Jannar 1972 u resident gewwa fond bl-indirizz 1, 'Purple Rain', Triq Misrah Guze' Abela, Had-Dingli u li huwa detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 206201A.

Akkuzat talli nhar it- 8 ta' Gunju 2021, ghall-habta ta' 14:00hrs, gewwa t-Triq Dahla tas-Sienja, gewwa l-lokalitá tar- Rabat, Malta u jew f'xi postijiet ohra gewwa l-gzejjer Maltin: -

1. ikkommetta serq ta' ghodda ghad-dannu ta' Central Asphalt Ltd. u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37),

2. U aktar talli dahal gewwa propjetá ta' haddiehor minghajr ebda permess u dan biex bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, jagħmel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta' ħaddieħor;

3. Ukoll talli naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. N Lia LL.D., fid-digriet mogħti nhar il-25 ta' Marzu 2021, u digriet/i sussegwenti, li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, u dan bi ksur tal-artikolu 579 (2) tal-Kodiċi Kriminali Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-Liġi, tirrevoka l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti lil Emad Khalifa Beleed Zweitt u tordna l-arrest mill-ġdid tal-istess Emad Khalifa Beleed Zweitt, u dan ai termini tal-artikolu 579 (3) tal-Kodiċi Kriminali Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex id-depożitu u s-somma bħala garanzija personali tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Għaldaqstant filwaqt li qed nesebixxi l-fedina penali aġġornata u kopja tad-dettalji tal-imputat, nitlob li dan il-każ jiġi investigat skont il-liġi.

Il-Qorti hija mitluba wkoll li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat Emad Khalifa Beleed Zweitt bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat li meta sar l-ezami ta' l-imputat skond l-artikolu 392(2) tal-Kodici Kriminali, nhar il-10 ta' Gunju 2021 l-imputat iddikjara li kien ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih.[1]

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.[2]

Rat illi fl-udjenza tat-30 ta' Settembru 2021 l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoni dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.[3]

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat

---

[1] Folio 11 ta' l-atti processwali
[2] Dok C, Folio 21 ta' l-atti processwali
[3] Folio 66 ta' l-atti processwali

effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, għalhekk li l-akkużi huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet fl-udjenza tat- 30 ta' Settembru 2021.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatt fil-qosor**

Illi dan il-kaz irrizulta meta gie raportat mal-pulizija li l-imputat kien seraq ghodda tat-tip *chaser* u *jigger* minn fuq post ta' xoghol.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021 din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reat addebitat lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- Il-fedina penali ta' l-imputat[4] - Filwaqt li l-fedina penali ta' l-imputat mhix netta fiha jinsabu registrati diversi sentenzi registrati relatati mad-

[4] Folio 12-15 ta' l-atti processwali

droga, serq u ksur tar-reoglament ta' l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni.

- L-ammissjoni bikrija ta' l-imputat. L-imputat irregistra ammisssjoni fis-sitt udjenza appuntata ghas-smiegh ta' din il-kawza u dan wara l-prosekuzzjoni kienet diga ressqet xi xhieda u provi.[5]

  Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[6], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[7], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[8] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[9]

  Ghaldaqstant filwaqt li ma jistax jinghad li l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri, il-Qorti tara li din il-kawza saret waqt li l-prosekuzzjoni kienet ghadha ma qalitx il-provi taghha u mhux fi stadju avvanzat u ghalhekk xorta ghandu jibbenifika minn din il-attenwanti.

- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi u kondizzjonijiet.

- L-imputat wera rimors ta' ghemilu hekk kif jirrizulta mill-istqarrija tieghu.

  *"M. Jiddispjacik ta' dak li ghamilt?*

  *R. Iva. Jien l-izball ma rridux."*[10]

[5] Folio 3-5 ta' l-atti processwali
[6] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[7] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[8] Thomson Reuteurs, S-29
[9] Blackstone Press Limited – 2006 edition
[10] Folio 24 ta' l-atti processwali

- Il-prosekuzzjoni tenniet li din il-Qorti ghandha tikkunsidra sentenza sospiza fil-massimu taghha flimkien ma Ordni ta' Trattament bhala piena idoneja f'dan il-kaz. Id-difiza abbracjat din il-posizzjoni tal-prosekuzzjoni.

- Illi filwaqt li l-Qorti mhix bl-ebda mod marbuta ma dawn is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza tara li din il-piena hija legalment proponibbli u fil-parametri tal-ligi.

- Il-prosekuzzjoni itenni li l-imputat ikkoopera mal-pulizija u l-oggetti misruqa kollha gew ritornati lis-sid.

- L-imputat waqt iz-zmien tar-reat kien ibaghti mil-vizzju tad-droga u li f'dak iz-zmien ma kellux impjieg u spicca f'ciklu vizzjuz fejn kien qed jirikorri ghal-kriminalita u jisraq sabiex imanti lilu nnifsu inkluz il-vizzju tieghu. Naturalment, din mhijiex gustifikazzjoni ta' dak li wettaq u l-vittmi m'ghandhomx jghixu f'socjeta imdawrin ma persuni li jmantu il-vizzji taghhom billi jwettqu reati sabiex jissostanzjaw dan il-vizzju.

- Mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation Dorian Cornelius jirrizulta li fil-mori tal-proceduri l-imputat beda jikseb l-ghajnuna mill-Agenzija Sedqa.[11]

- Il-Qorti tara li l-imputat huwa kkunsidrat recidiv skont l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk din il-Qorti tista meta taghti piena zzid l-istess piena bi grad wiehed jew tnejn.

- Il-Qorti tara wkoll li l-imputat gie akkuzat tali kiser diversi kundizzjonijiet imposti fuqu. Il-Qorti tara li nhar il-25 ta' Marzu 2021, l-imputat kien inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet, kif ukoll kien tqieghed taht Ordni ta' Trattament u taht

[11] Folio 39 ta' l-atti processwali

is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation. Illi bhala konsegwenza l-imputat kien iddepozita fir-Registru tal-Qorti s-somma ta' elf Ewro oltre garanzija personali ta' hamest elef Ewro.

Fic-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti ghalhekk trid timponi jew piena ta' multa jew piena ta' prigunerija bl-inqas tkun dik ta' erba' xhur. Apparti dan, l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija ghandu jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, stante li din il-Qorti hija tal-fehma li l-ksur tal-kondizzjonijiet kienet ta' konsegwenza serja li wasslet sabiex iwettaq reat iehor mill-gdid, il-Qorti tqis li l-piena idoneja ghandha tkun dik ta' multa maghquda ma' konfiska stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku.

## Decide

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(g), 279(b), 49, 340 u 579(2) u 579(3) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta issib lil Emad Khalifa Beleed Zweitt, fuq ammissjoni tieghu stess, hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tikkundannah ghal piena ta' **prigunerija** ta' sentejn (2) li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu **sospizi** ghal erba' (4) snin millum u, fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, **tirrevoka** l-beneficcju tal-helsien mill-arrest moghti lil-imputat u tordna l-arrest mill-gdid skond l-artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah u tordna li s-somma ta' hamest elef Euro (€5,000) imsemmija bhala garanzija personali tghaddi a favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali, spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

In oltre' ai termini tal-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tpoggi lill-hati taht **Ordni ta' Supervizjoni** ghal sentejn u flimkien ma' din is-sentenza qieghda tannetti d-digriet dwar dan l-Ordni u tiddikjara illi dan l-Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ **Ordni ta' Trattament** fil-konfront tal-imputat u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikutajiet li huwa jidher għaddej minnhom minħabba diversi abbużi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qegħdet lill-ħati taħt ordni ta' trattament għal perjodu u ta' tmintax il-xhar millum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti

mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Moghtija illum nhar il-4 ta' Novembru 2021 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**